**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis , 20 ta' Settembru, 2018**

**Rikors nru: 185/18 AV**

A u B

Vs

X

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezenta konguntivament mill-kontendenti fit-13 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' Marzu, 1984 (certifikat taz-zwieg anness bhala Dokument A) u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-partijiet isseparaw tramite kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi datat 8 ta' Jannar, 2009 (kuntratt anness bhala Dokument B).

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li llum ghandhom hajja totalment separate minn xulxin.

Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment pendenti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Ra li peress li r-rikors gie pprezentat konguntivament u rat ukoll il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2018 minn fejn jirrizulta illi l-partijiet ddikjaraw illi m'ghandhomx oggjezzjoni ghal tali divorzju.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Jannar, 2009 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**